**Qorti Kriminali**

**Imhallef**

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Att ta' Akkuza**
**Nru: 3/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Longino Aquilina**

**It-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 3/2000.

Semghet lill-akkuzat Longino Aquilina fis-seduta tal-lum jammetti l-akkuzi dedotti kontrih, f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu u taghtu z-zmien biex jirrikonsidraha.

Rat l-atti processwali.

Rat l-Artikoli 2, 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 20, 22 (1) (a) (aa) (bb) (1B) (2) (a) (i) (ii) (3A) (c) (d), 22 (2) (b) (ii) u 26 tal-Kap. 101, ir-Regola 4 (a) u 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif ukoll l-Artikoli 17 (h), 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Tiddikjara lill-Longino Aquilina hati talli:

***1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga eroina specifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga, b'dan li d-delitt sar fil-konfront ta' persuna li kienet qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi;***

***2. Xjentement kellu fil-pussess tieghu l-eroina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta me kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pussess ta' dak l-oggett; b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li l-***

***pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, b'dan illi dan ir-reat serva bhala mezz ghal fini u ghalhekk hu assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap.***

Tiddikjara ukoll lill-hati Longino Aquilina bhala recidiv f'delitt.

Semghet lill-istess hati Longino Aquilina bil-gurament, kif ukoll lix-xhieda lkoll prodotti ghall-fini tal-piena li l-Qorti ghandha tikkonsidra li timponi f'dan il-kaz.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukat difensur tal-hati jitrattaw dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe':

***A. L-ammissjoni tal-hati f'dan l-istadju bikri ta' dawn il-proceduri meta ghadu ma giex furmat il-guri u b'hekk gew iffrankati hin u spejjes, ghalkemm ghandu jinghad li tali cirkostanza mhux bilfors u dejjem ghandha twassal ghal tnaqqis fil-piena ghaliex din hi haga li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz;***

***B. Il-fatt li l-akkuzat hati ilu zmien dipendenti fuq id-droga u genwinament irid, kif stqarr taht gurament, li jsegwi programm ta' kura jew riabilitazzjoni biex johrog minn dan il-vizzju darba ghal dejjem, oltre problema ohra li ghandu ta' natura socjali;***

***C. Il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, partikolarment b'riferenza ghal dak li xehed illum u li in bazi ta' l-istess il-pulizija tista' tinvestiga u tipprocedi kontra min effettivament ipprovda d-droga eroina lill-hati fic-cirkostanza msemmija fl-akkuzi odjerni, cirkostanza din li tissodisfa id-dispost ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 li ser jigi applikat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena.***

***d. Il-fatt li ghalkemm dak li ghamel il-hati teknikament jaqa' taht id-definizzjoni ta' traffikar tad-droga, dan pero' kien biss kaz ta' 'sharing' ta' din id-droga f'kwantita' zghira bejn tlett persuni, fosthom il-hati, dovut minhabba d-dipendenza taghhom fuq id-droga u mhux bi skop ta' bejgh tad-droga w gwadann minnha bhal ma hu l-veru traffikant. Din hi cirkostanza li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena li sejra tinfliggi.***

***e. Kull cirkostanza ohra li dehrilha opportuna w rilevanti.***

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna lill-hati Longino Aquilina ghall-sentejn (2) prigunerija b'effett mil-lum kif ukoll multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha relatati mar-reati in kwistjoni, kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli tal-hati.

Tirrileva li mhux il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 dan peress li ma jirrizultax mill-atti processwali li kien hemm xi spejjes peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Fl-ahhar nett, stante d-dipendenza qawwija li l-hati ghandu mid-droga, abbinata mad-dikjarazzjoni guramentata tieghu tal-lum li jrid jgheleb dan il-vizzju u ghalhekk ghandu bzonn l-ghajnuna specjalizzata biex jirrealizza din it-talba w xewqa

tieghu, tordna u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin li immedjatament jaghmel dak kollu possibbli w jiehu kull pass opportun sabiex il-hati tinghatalu kull facilita' biex jibda programm ta' kura w riabilitazzjoni mid-dipendenza tieghu fuq id-droga u dan sakemm hu jibqa' mizmum hemm jiskonta din is-sentenza. Tordna ghalhekk li din is-sentenza tigi notifikata lill-imsmemi Direttur tal-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur